# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 26 ta' Mejju 2017**

**Numru 9**

**Citazzjoni numru 1017/98 JRM**

**Guillaumier Industries Limited u b'digriet tal-31 ta' Lulju 2007, il-kumpanija Guillaumier Limited assumiet l-atti tal-kawża**

**v.**

**Taormina Holdings Ltd, ġja Taormina Estates Limited, korrezzjoni awtorizzata b'diġriet tat-23 ta' April 2003**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

**1.** Dan huwa appell ad istanza tas-soċjeta` konvenuta mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Novembru 2012, li permezz tiegħu qed titlob lil din il-qorti tirrevoka u tħassar għal kollox is-

sentenza appellata billi tiċħad it-talba tas-soċjeta` attriċi u konsegwentement tilqa' l-eċċezzjonijiet sollevati minnha (is-soċjeta` konvenuta), u billi takkolji t-talbiet li għamlet fil-kontro-talba sabiex is-soċjeta` attriċi tiġi kkundannata tħallasha dak l-ammont ta' danni li hija sofriet.

**2.** Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

> "Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-13 ta' Mejju, 1998, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-kumpannija attriċi talbet li l-Qorti (i) tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallasha s-somma ta' tnejn u għoxrin elf tliet mija u ħamsa u sittin lira Maltija (Lm 22,365)[1] li tirrappreżenta l-prezz ta' xogħol ta' twaħħil ta' twieqi tal-aluminju u ta' ħġieġ, magħdud il-prezz tal-materjal, liema xogħol sar b'appalt fuq talba nnifisha tal-istess kumpannija mħarrka fl-istabiliment "*Day-to-Day Centre*", fi Triq il-Wied, l-Imsida. Talbet ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali b'seħħ minn dak inhar li ngħata x-xogħol;
>
> "Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fl-20 ta' Ottubru, 1998, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalet li l-azzjoni attriċi nbdiet qabel waqtha billi l-istess attriċi għadha ma temmitx l-appalt li tqabbdet tagħmel. Fil-mertu laqgħet billi qalet li t-talba attriċi ma jmisshiex tintlaqa' għaliex l-attriċi ma wettqitx xogħolha kif miftiehem bejn il-partijiet, minbarra li l-biċċa l-kbira mix-xogħlijiet mogħtija ma kinux aċċettabbli għaliex intuża materjal inferjuri u mhux tal-kwalita' miftehma, u billi x-xogħol ma nħadimx kif jitolbu s-sengħa u l-arti, kif stqarret magħha l-istess kumpannija attriċi. Minbarra dan, żiedet tgħid li l-attriċi diġa' tħallset aktar minn kemm jistħoqqilha u għalhekk it-talba għal aktar ħlas m'hijiex tajba. Temmet tgħid li tant ix-xogħol mogħti mill-attriċi sar ħażin, li l-eċċipjenti ġarrbet ħsarat u danni sostanzjali li jwassluha biex tressaq il-Kontro-talba tagħha;
>
> "Rat il-Kontro-talba mressqa mill-kumpannija mħarrka flimkien man-Nota tal-Eċċezzjonijiet tagħha li biha, u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li l-Qorti (i) ssib li l-kumpannija attriċi rikonvenzjonata taħti lejha għad-danni minnha mġarrba minħabba li naqset li twettaq dak kollu li kienet intalbet tagħmlilha, minħabba li naqset li tħares il-ftehim

[1] Li jġibu €52,096.44 fi flus tal-lum

bejniethom, minħabba li ma tatx xogħol skond kif jitolbu s-sengħa u l-arti, għax inqdiet b'materjal inferjuri, tat xogħol difettuż u mimli ħsarat; (ii) tillikwida d-dannu mġarrab minnha minħabba n-nuqqasijiet tal-attriċi; u (iii) biex tikkundannaha tħallasha dawk id-danni kif likwidati. Talbet ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali;

"Rat li l-kumpannija attriċi rikonvenzjonata ma ressqetx Nota tal-Eċċezzjonijiet għall-Kontro-talba tal-kumpannija mħarrka;

"Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tad-19 ta' Jannar, 1999[2], li bih ordnat lill-kumpannija mħarrka tressaq nota fl-atti tal-kawża biex tgħid liema kienu x-xogħlijiet li hija tgħid li kien għad fadal x'isiru u liema kienu x-xogħlijiet li hija tgħid li saru ħażin;

"Rat in-Nota mressqa mill-kumpannija mħarrka waqt is-smigħ tal-21 ta' Mejju, 1999[3], bit-tagħrif li kienet intalbet tagħti fid-degriet tad-19 ta' Jannar, 1999;

"Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-17 ta' Novembru, 1999[4], li bih ħatret lil Joseph Scerri bħala espert tekniku, u d-degriet tas-6 ta' April, 2001[5], li bih inħatret l-Avukat Michelle Paċe bħala perit legali biex tgħin lill-espert tekniku;

"Rat ir-Relazzjoni mressqa mill-Perit Tekniku fl-4 ta' Novembru, 2002[6], u minnu maħluf waqt is-smigħ tal-24 ta' Frar, 2004;

"Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet dwar l-azzjoni ewlenija u dik rikonvenzjonali;

"Semgħet it-trattazzjoni tal-għeluq tal-avukati tal-partijiet;

"Rat l-atti kollha tal-kawża;

"Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

"***Ikkunsidrat:***

"Illi din hija azzjoni għall-ħlas ta' prezz ta' xogħlijiet imwettqa f'appalt, b'azzjoni rikonvenzjonali għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni minħabba t-twettiq ħażin u tard tal-istess appalt. Il-kumpannija attriċi appaltatriċi qiegħda titlob il-ħlas ta' somma li tirrappreżenta l-bilanċ tal-prezz ta' xogħol ta' twaħħil ta' aperturi u ħġieġ fi stabiliment tal-kumpannija mħarrka appaltanti, iżda din qiegħda tgħid li dak mitlub

[2] Paġ. 17 tal-proċess
[3] Paġġ. 19 – 20 tal-proċess
[4] Paġ. 27 tal-proċess
[5] Paġ. 32 tal-proċess
[6] Paġġ. 61 – 2 tal-proċess

m'għandux jitħallas għaliex mhux biss il-kumpannija attriċi ġabitilha xogħol ħażin, imma talli damet ma wettqet dak li tqabbdet tagħmel, b'mod li kkawżatilha ħsara u dannu għaliex ma setgħetx tiftaħ l-istabiliment meta kien maħsub li jsir dan. Il-kumpannija attriċi twarrab l-azzjoni rikonvenzjonali (għalkemm baqgħet ma ressqet qatt formalment Nota tal-Eċċezzjonijiet għall-Kontro-Talba) billi tgħid li la huwa minnu li tat xogħol ħażin u lanqas kienet taħti hija bl-ebda mod għad-dewmien, li għalih taħti biss il-kumpannija mħarrka rikonvenjenti;

"Illi l-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> juru li l-kumpannija mħarrka (aktar 'il quddiem imsejħa "Taormina") kienet sid ta' sit li kienet qiegħda tibni fi Triq il-Wied, fl-Imsida, maħsub biex jintuża bħala stabiliment kummerċjali;

"Illi f'xi żmien matul l-1993, Taormina talbet lill-kumpannija attriċi (aktar 'il quddiem imsejħa "GL") tagħtiha stima għal xogħlijiet ta' tqegħid ta' aperturi tal-aluminju u twaħħil ta' ħġieġ fil-binja msemmija. Wara li ma kenitx intlaqgħet l-ewwel stima min-naħa ta' Taormina, GL bagħtet stima riveduta f'Novembru tal-istess sena[7]. Il-prezz kollu tax-xogħol mitlub, wara t-tnaqqis ta' skont, kellu jitla' għal tlieta u erbgħin elf lira Maltin (Lm 43,000), li wieħed u għoxrin elf u ħames mitt lira (Lm 21,500) minnhom kellhom jitħallsu minn Taormina bħala depożitu sa tmiem dik is-sena, u l-bilanċ jitħallas b'rati ta' elfejn lira Maltin (Lm 2,000) kull xahar bla mgħax (imma b'żieda ta' tnejn fil-mija (2%) bħala "*bank charges*"). Fil-15 ta' Novembru, 1993, Taormina ħallset akkont ta' ħamest elef lira Maltin (Lm 5,000) bħala parti mid-depożitu msemmi;

"Illi x-xogħol kellu jingħata fi żmien ta' mhux aktar minn tmien (8) ġimgħat mill-konferma tal-ordni u l-ħlas tad-depożitu. Taormina tgħid li x-xogħol beda jitwettaq aktar minn xi sitt (6) xhur wara li sar il-ftehim, kien qed jitmexxa l-ewwel taħt *supervisor* wieħed mibgħut minn GL, li mbagħad inbidel, u wara tkompla taħt ieħor u li l-bieb ewlieni tad-dħul kien l-aħħar biċċa xogħol li twaħħlet[8]. Meta Taormina aċċettat l-istima riveduta ta' GL, ix-xogħol tal-bini kien għadu għaddej u l-art ma kenitx għadha ċċangata bil-madum li kellu jitqiegħed fil-post;

"Illi filwaqt li s-servizz tal-ilma għall-post iddaħħal fil-25 ta' Marzu, 1994[9], l-ewwel kont tal-konsum tad-dawl inħareġ mill-Korporazzjoni f'Mejju tal-1995[10] u aktar tard dik is-sena nbidel il-*meter* għal wieħed *three-phase* f'Diċembru tal-istess sena[11];

"Illi waqt li kien qed jitqiegħed ix-xogħol, rappreżentant ta' Taormina wera li xi xogħol ma kienx tajjeb, u ġibed l-attenzjoni tal-ħaddiema ta' GL dwar tixlif li kien hemm f'uħud mill-folji tal-ħġieġ li kien qed

---

[7] Dok "A", f'paġġ,. 14 – 6 tal-proċess
[8] Xhieda ta' Giosue' Gauċi 2.11.2004, f'paġġ. 77 – 80 tal-proċess
[9] Dok "JCA1", f'paġ. 150 tal-proċess
[10] Dok "EM1", f'paġ. 166 tal-proċess
[11] Xhieda ta' Eric Montfort 12.7.2007, f'paġ. 171 tal-proċess

jitqiegħed mal-qafas tal-aluminju li GL waħħlet fil-post. Wara li ntemm ix-xogħol, Taormina lmentat minn xogħlijiet li baqgħu ma sarux jew li kellhom jissewwew u mill-ħsara li hija ġarrbet minħabba d-dewmien[12]. F'Settembru tal-1994[13], Taormina bagħtet protest ġudizzjarju lil GL biex titlobha ttemm sewwa x-xogħol li kienet qabbditha tagħmel u li tersaq għal-likwidazzjoni tad-danni li hija ġarrbet minħabba d-dewmien;

"Illi għall-bidu l-istabiliment beda jintuża parti minnu għall-bejgħ taż-żraben[14]. Wara, twaqqfet kumpannija bl-isem ta' Day-to-Day Limited li kriet il-post mingħand Taormina u ħasbet biex il-post tużah bħala *discount store*. Taormina kienet l-azzjonista ewlenija tal-imsemmija kumpannija b'disgħa u disgħin punt disgħa u disgħin fil-mija (99.99%) tal-ishma tagħha[15];

"Illi f'Ottubru tal-1995, GL bagħtet ittra uffiċjali lil Taormina titlobha tħallas il-bilanċ mitlub u, billi baqa' ma sarx ħlas, fetħet din il-kawża f'Mejju tal-1998. F'Marzu tal-1999[16], Taormina biegħet il-post lil Price Club (Birkirkara) Limited;

"Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali li jolqtu lil dan il-każ, jidher li jkun aktar għaqli li l-Qorti tistħarreġ l-ewwel il-kwestjonijiet imqanqlin minn Taormina, u dan kemm fl-eċċezzjonijiet tagħha u wkoll fl-azzjoni rikonvenzjonali tagħha. Dan qiegħed jingħad għaliex is-soluzzjoni tal-imsemmija kwestjonijiet tiddetermina mhux biss jekk humiex mistħoqqa, iżda tiddetermina wkoll jekk l-azzjoni attriċi hijiex tajba u saritx f'waqtha;

"Illi Taormina tistrieħ fid-difiża tagħha fuq in-nuqqas ta' twettiq tal-appalt min-naħa ta' GL u dan kemm minħabba l-kwalita' tax-xogħol mogħti minnha u kemm ukoll minħabba d-dewmien biex ingħata x-xogħol ordnat, imqabbel mal-wegħda ta' meta kellu jingħata skond il-ftehim. Fit-talba rikonvenzjonali tagħha, Taormina timmira għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni minħabba dak l-allegat inadempiment ta' GL;

"Illi **għal dak li jirrigwarda l-ilment tan-nuqqas ta' twettiq**, Taormina tilminta kemm li xi xogħol imwiegħed baqa' ma ngħata qatt u kif ukoll li xogħol mogħti ma sarx tajjeb. Dwar tal-ewwel hija ssemmi tliet ħwejjeġ: (a) "ċerti *corners* mhux miksija"; (b) "*lock*, xambrelli u *sealer* (Bieb ta' barra)"; u (ċ) "*marine plywood* f'parti mid-*Drive-in*". Dwar tat-tieni, hija tilmina minn dawn in-nuqqasijiet: (i) ħġieġ imtajjar ("hemm xi ħamsa minnhom f'qagħda ħażina ferm"); (ii) ħġieġ imqiegħed mhux livellat waħda mal-oħra imma li jistgħu jitranġaw; (iii) ħġieġa waħda fuq il-faċċata li hija akbar mid-daqs li jiflaħ iġorr il-post fejn tqiegħdet;

---

[12] Dokti "TE1" u "GG2", f'paġġ. 20 u 76 tal-proċess
[13] Dok "GG1", f'paġġ. 74 – 5 tal-proċess
[14] Xhieda ta' Godwin Falzon 17.6.2005, f'paġ. 92 tal-proċess
[15] Dok "DTD1", f'paġ. 194 *tergo* tal-proċess
[16] Dok "3", f'paġġ. 124 sa 133 tal-proċess

(iv) użu ħażin tas-sistema tal-issiġġillar tal-ħġieġ bi dħul tal-ilma tax-xita minn barra; u (v) t-tneħħija u t-twaħħil mill-ġdid ta' panew immejjel fid-*drive-in*. Ma' dawn, naturalment, Taormina żżid l-ilment tad-dewmien li ssemma aktar qabel;

"Illi d-difiża ta' Taormina jidher li tinkludi fiha l-istennija li GL ittemm dak li ma wettqitx, kif inhu maħsub fl-artikolu 1069(1) tal-Kodiċi Ċivili, u li ttejjeb dak li għamlet ħażin;

"Illi meta tiġi biex tqis dawn l-ilmenti, l-Qorti tagħraf li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali iġġib fis-seħħ l-effetti "sekondarji" tal-istess obbligazzjoni – jiġifieri l-effett li min jonqos li jwettaq dak li ntrabat għalih irid jagħmel tajjeb għad-danni li tkun ġarrbet il-parti li magħha kien intrabat[17];

"Illi meta parti tkun intrabtet li twettaq xi ħaġa u ma ttemmhiex, il-parti l-oħra (jiġifieri, l-kreditur tal-obbligazzjoni) tista' tingħata s-setgħa li twettaqha hi bi spejjeż ta' min ikun naqasha (jiġifieri, d-debitur tal-obbligazzjoni)[18]. Kreditur ta' obligazzjoni li ħaddieħor ikun intrabat miegħu li jwettaq, u dan jonqos li jwettaqha, għandu l-għażla li jisħaq mad-debitur tal-obbligazzjoni li jwettaq dak li ntrabat li jagħmel[19] u, f'każ li l-adempiment ma jkunx għadu jista' jsir aktar, li jitlob il-ħlas tad-danni mġarrba minħabba dak in-nuqqas[20], liema danni jissarrfu fit-telf li l-kreditur ikun ġarrab u fil-qligħ li jkun imtellef minħabba l-inadempiment[21];

"Illi d-danni maħsuba mil-liġi għan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni jew għat-twettiq tardiv tagħha huma t-telf imġarrab mill-kreditur u/jew il-qligħ imtellef, sakemm jintwera li tali telf jew tali qligħ imtellef ikunu l-effett immedjat u dirett tan-nuqqas tat-twettiq tal-obbligazzjoni[22]. Fejn in-nuqqas ta' twettiq ma jkunx ġej minn għamil doluż tad-debitur, id-danni mġarrbin mill-kreditur li huwa obbligat jagħmel tajjeb għalihom huma dawk li basar jew wieħed sata' jobsor li jiġġarrbu fiż-żmien tat-twettiq tal-obbligazzjoni[23];

"Illi huwa stabilit ukoll li meta n-nuqqasijiet fit-twettiq ta' ħatra ma jkunux sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jitqies inadempjenti, imma jibqa' obbligat li jagħmel tajjeb in-nuqqas jew jaċċetta tnaqqis f'dak li jistħoqqlu jitħallas[24]. Iżda fejn in-nuqqas ikun wieħed qawwi, ma jkun jistħoqqlu l-ebda ħlas u jġib miegħu s-sanzjonijiet maħsuba mil-liġi, u l-fatt li l-appaltant ikun wettaq xi ħlas jew saħansitra l-ħlas kollu tal-

---

[17] Art. 1125 tal-Kap 16
[18] Art. 1127 tal-Kap 16
[19] P.A. **13.12.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea vs Calleja*** (Kolez. Vol: **XXXVI.ii.578**)
[20] Kumm. **13.2.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Petroni vs Petroni noe*** (Kollez. Vol: **XXXVI.iii.629**)
[21] Art. 1135 tal-Kap 16
[22] Art. 1137 tal-Kap 16
[23] Art. 1136 tal-Kap 16
[24] P.A. MCC **9.4.1968** fil-kawża fl-ismijiet ***Anġlu Busuttil vs Pio Fedele et*** (mhix pubblikata)

prezz miftiehem[25] ma jwassalx biex l-appaltatur jitqies li jkun wettaq appalt meta miċ-ċirkostanzi jkun jidher li dan m'huwiex il-każ[26];

"Illi kull meta wieħed jintrabat li jwettaq obbligazzjoni huwa mistenni li jagħmel dan bl-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja[27]. Dan għaliex, ukoll fejn id-debitur ma jkunx mexa b'mala fidi, huwa jrid jagħmel tajjeb għal kull dannu li jġarrab il-kreditur tal-obbligazzjoni kemm dwar in-nuqqas ta' twettiq tar-rabta u kif ukoll dwar id-dewmien fl-eżekuzzjoni[28]. B'mod partikolari, l-appaltatur irid iwettaq il-ħatra mogħtija lilu bil-ħsieb li x-xogħol konsenjat ikun ta' fejda għall-appaltant u juri għaqal li jassumi s-sens ta' professjonalita' teknika u ħila li l-istess appaltatur irid juri billi jħares f'kull waqt il-kawteli u l-metodi li jitolbu minnu s-sengħa u l-arti partikolari, u billi f'kull waqt iżomm kontroll attent u xieraq ta' dak li jkun qiegħed jagħmel jew qabbad lil ħaddieħor jagħmel f'ismu[29];

"Illi biex appaltatur jista' jtaffi jew jeħles għal kollox minn dawn l-effetti, id-debitur irid juri li n-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni jew id-dewmien fit-twettiq tagħha fiż-żmien miftiehem kienu l-kawża ta' ħaġa barranija li huwa ma kienx jaħti għaliha, bħal fil-każ ta' aċċident jew forza maġġuri[30]. Jista' juri wkoll li l-ħtija nuqqas ta' twettiq kienet ġejja mill-imġiba nnifisha tal-kommittent;

"Illi din id-difiża m'hija xejn għajr dik magħrufa bħala *non rite adimplendi contractus* li, magħquda mal-eċċezzjoni l-oħra tal-impossibilita' tat-twettiq tar-rabta kuntrattwali, jitfgħu fuq il-parti kontraenti eċċipjenti l-piż li jippruvaw li dak minnha allegat ġara tassew;

"Illi huwa mogħti lil parti f'kuntratt li tilqa' bid-difiża tal-inadempiment għat-talba tal-ħlas magħmula mill-parti l-oħra, li hija magħrufa bħala l-*exceptio non rite adempleti contractus*. Din l-eċċezzjoni tista' titqajjem f'kull kuntratt bilaterali jew sinallagmatiku u hija maħsuba li twaqqa' l-azzjoni avversarja mibdija minn min huwa nnifsu ma kienx wettaq dak li ntrabat għalih fl-istess kuntratt[31]. Fejn eċċezzjoni bħal din tirriżulta mistħoqqa, l-parti mħarrka tikseb l-għarfien ġudizzjarju (b'seħħ lura minn dak inhar li l-parti attriċi tkun naqset milli twettaq il-parti tagħha) li hija tista' tissospendi l-eżekuzzjoni tar-rabtiet tagħha sakemm il-parti l-oħra attriċi tibqa' inadempjenti[32];

---

[25] P.A. **8.2.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Żarb vs Aġius*** (Kollez. Vol: **XLI.ii.892**)

[26] App. Inf. **28.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Selective Quality Letting Ltd vs Mall Systems Ltd***

[27] Art. 1132(1) tal-Kap 16

[28] Art. 1133 tal-Kap 16

[29] Ara App. Inf. PS **15.7.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Tal-Franċiż Construction Ltd et vs Anġlu Żarb***

[30] Art.1134 tal-Kap 16

[31] App. Kumm. **12.3.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Aquilina utrinque*** (Kollez. Vol: **XLIX.i.518**)

[32] App. Inf. PS **15.1.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Siġġiewi Basketball Club vs Michele Peresso Ltd.***

"Illi, madankollu, huwa mgħallem u aċċettat ukoll li biex dan jista' jsir, jrid jintwera li min jirreżisti l-ħlas ma kienx huwa nnifsu inadempjenti f'xi ħaġa li kellu jagħmel taħt l-istess kuntratt. Kemm hu hekk, il-prinċipju li *inademplenti non est ademplendum*, jinbena fuq il-presuppost li min jonqos li jwettaq dak li jkun intrabat bih f'kuntratt ma jistax iwaqqa' l-istess kuntratt fuq il-kawżali tal-inadempiment tal-parti l-oħra[33]. Minbarra dan, biex dik l-eċċezzjoni tista' tintlaqa' jeħtieġ jintwera li (a) l-inadempiment tal-parti attriċi trid tikkonsisti fi ksur ta' rabta li hija parti integrali mill-ftehim; (b) li dak il-ksur trid tkun tassew taħti għalih il-parti attriċi; u (ċ) hemm proporzjonalita' bejn in-nuqqasijiet tal-partijiet, jiġifieri li dak in-nuqqas allegat fil-parti attriċi jkun ta' ċerta toqol meta mqabbel man-nuqqas tar-rabta tal-parti mħarrka[34];

"Illi dwar jekk kienx minnu li l-appaltatur ikun tassew sab ma' wiċċu ċirkostanzi lil hinn mir-rieda u mis-setgħa tiegħu li żammewh milli jagħti fiż-żmien miftiehem ix-xogħol kollu ordnat, din il-Qorti tqis li biex jista' jingħad li parti kontraenti titqiegħed fl-impossibilita' li twettaq dak li tkun intrabtet bih, irid jirriżulta li, wara li jkun sar il-ftehim, tkun inħalqet ċirkostanza fiżika, materjali jew ġuridika li tolqot direttament in-negozju obbligatorju[35];

"Illi meta parti f'kuntratt tonqos li twettaq dak li ntrabtet bih, trid tħallas lill-parti l-oħra d-danni. Hawhekk jidħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 1640(3), 1125 u 1135 tal-Kodiċi Ċivili, li lkoll jitqiesu bħala l-effetti "sekondarji" tal-obbligazzjoni li ssemmew aktar qabel f'din is-sentenza;

"Illi jkun xieraq li wieħed iżomm quddiem għajnejh li ladarba d-danni mitluba huma ta' sura kuntrattwali, l-għan tagħhom irid ikun dak li jagħmlu tajjeb għall-ħsara li l-parti kontraenti mġarrba turi li batiet minħabba l-ksur kuntrattwali tal-parti l-oħra, u m'għandhomx ikunu għodda ta' piena kontra dik il-parti inadempjenti u lanqas okkażjoni għall-parti mġarrba li tistagħna bi ħsara tal-parti inadempjenti[36]. B'mod partikolari, min, minħabba ksur ta' rabta kuntrattwali li jkun daħal għaliha, jsir responsabbli għall-ħlas tad-danni lill-parti l-oħra jrid jagħmel tajjeb għal kull dannu li raġonevolment jitqies konsegwenti direttament għal dak in-nuqqas[37], filwaqt li l-istess parti mġarrba għandha d-dmir li tieħu l-passi meħtieġa biex tnaqqas kemm jista' jkun dak id-dannu jew tal-anqas ma tagħmlux agħar[38];

---

[33] App. Ċiv. **3.6.1938** fil-kawża fl-ismijiet ***Muscat vs Attard et*** (Kollez. Vol: **XXX.i.155**)

[34] Ara App. Ċiv. **29.10.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Nażżareno Vassallo et noe et vs Dr. Michael Caruana et noe***

[35] App. Inf. **20.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Bonello vs Joseph Cutajar***

[36] App. Kumm. **15.12.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja noe vs Mamo pro et noe*** (Kollez. Vol: **XXXIV.i.367**)

[37] P.A. PS **23.4.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Dalli et vs Mediterranean Film Studios Ltd.*** (mhix appellata)

[38] App. Inf. **3.11.1956** fil-kawża fl-ismijiet ***Xuereb vs Livick*** (Kollez. Vol: **XL.i.63**)

"Illi fis-sewwa jrid jingħad li fil-każ tal-lum ma jirriżultax li kull xogħol li għamlet GL kien għal xejn jew mingħajr siwi għal Taormina. Iżda ma hemmx dubju lanqas li xi nuqqasijiet fix-xogħol mogħti kien hemm. Dan l-għarfien jidher li ngħata minn GL innifisha meta, rinfaċċata bl-ilmenti ta' Taormina, intrabtet li tagħmel xogħol rimedjali. L-istess għarfien ħareġ ukoll mill-fehma tal-perit tekniku maħtur mill-Qorti. Dan, wara li ra fuq firxa ta' żewġ aċċessi x-xogħol konsenjat u mqiegħed fuq il-post, wasal gall-fehma li kien hemm tassew xi xogħol mhux tajjeb, u dan kemm fil-materjal innifsu li kien konsenjat jew fil-mod kif tqiegħed ix-xogħol. Huwa ikkwantifika dan in-nuqqas fis-somma ta' erbat elef u ħames mitt lira Maltin (Lm 4,500)[39], liema somma tonqos (għalkemm ma semmiex b'kemm) jekk kemm-il darba GL tagħżel li tagħmel it-tiswijiet jew aġġustamenti minnu identifikati;

"Illi l-Qorti ma jidhrilhiex li GL tista' tistkenn wara l-fatt[40] li l-ħġieġ inħadem barra minn Malta u nġieb hawn maqtugħ u lest. B'dan il-mod (ukoll kieku dan kien minnu) ma jitnaqqas xejn mir-responsabbilta' li hija kellha li tikkonsenja lil Taormina ħġieġ tajjeb u bla tixlif. Lanqas ma jnaqqas mir-responsabbilta' tagħha li twaħħlu tajjeb u bla ma jweġġa' l-għajn. In-nuqqasijiet tas-sub-appaltaturi tagħha trid terfagħhom hi u mhux il-kommittent;

"Illi, madankollu, lil hinn minn hekk, il-Qorti hija tal-fehma li ma jistax jingħad li x-xogħol ħażin huwa l-parti sostanzjali tax-xogħol kollu mwettaq minn GL f'dan l-appalt. Mill-mija u ħamsin (150) ħġieġa ta' kejl ta' tliet metri kwadri ($3m^2$) kull waħda li ksew il-faċċati tal-binja, ħamsa biss minnhom instab li kellhom tixlif "kbir" li jitlob il-bdil tagħhom u għoxrin (20) oħra li t-tixlif fihom hu żgħir u ma jeħtiġux jinbidlu[41]. Instab ukoll li żewġ ħġiġiet huma tajbin iżda mhux "fl-istess pjan vertikali" li bla tbatija jistgħu jitqiegħdu sewwa mill-ġdid. Meta wieħed iqabbel dawn in-nuqqasijiet – li l-perit tekniku deherlu li kellu jikkwantifika kif fuq ingħad – mal-prezz kollu tal-appalt mogħti, ma jidhirx li jista' jingħad li GL naqset li twettaq l-appalt b'mod sostanzjali tali li jagħti jedd lil Taormina li ma tħallas xejn mill-bilanċ minnha dovut jew li titlob ir-radd lura ta' dak li ħallset;

"Illi **għal dak li jirrigwarda d-dewmien**, jidher li Taormina speċifikat li dan seħħ l-aktar għaliex il-bieb ewlieni – l-aħħar biċċa xogħol imwettqa fl-appalt mogħti lil GL – dam ma twaħħal. GL tgħid li dan ġara għaliex il-madum ma kienx għadu tqiegħed u l-bieb ma sata' qatt jitqiegħed fil-post jekk mhux wara t-tqegħid tal-madum, liema xogħol kien appaltat lil ħsddieħor. F'dan ir-rigward, GL tgħid ukoll li, mqar kieku kien diġa' tqiegħed il-madum tal-art, il-bieb xorta waħda kienx jista' jitħaddem għaliex sal-1995 il-provvista tad-dawl ma kenitx għadha ddaħħlet fil-post;

[39] Li jġibu €10,482.18 fi flus tal-lum
[40] Xhieda ta' Edwin Fiott 12.7.2007, f'paġ. 179 tal-proċess
[41] Rapport tal-perit tekniku, f'paġ. 62 tal-proċess

"Illi filwaqt li l-Qorti ssib li GL għandha raġun dwar id-dewmien fit-tqegħid tal-madum, ma jidhirx li hija tista' tiġġustifika t-twaħħil tal-bieb ukoll minħabba l-provvista tal-elettriku. Dan il-fattur jidher li għandu aktar rilevanza dwar il-kwestjoni tad-danni reklamati minn Taormina, milli milli bħala element li xekkel lil GL milli ttemm l-appalt mogħti lilha;

"Illi, madankollu, wara li ngħad dan kollu, l-Qorti ma ssibx li tressqu quddiemha provi tajbin biżżejjed biex juru li GL naqset milli twettaq l-appalt minħabba dewmien, ukoll kieku wieħed kellu joqgħod għall-wegħda li x-xogħol ikun konsenjat fi żmien ta' mhux aktar minn tmien (8) ġimgħat mill-konferma tal-ordni. Dan qiegħed jingħad għaliex Taormina naqset milli turi meta tassew temmet tħallas lil GL id-depożitu bażi li, mal-ħlas tiegħu, kien miftiehem li kellu jkun konfermat il-kuntratt; naqset ukoll milli turi meta ntemm ix-xogħol; u, fuq kollox, naqset li turi għaliex, minkejja l-allegazzjoni tad-dewmien, il-post sata' u beda jintuża xorta waħda bħala stabiliment kummerċjali qabel ma ntbagħat il-protest ġudizzjarju lil GL (f'Settembru tal-1994);

"Illi għalhekk, wara li qieset dan kollu, il-Qorti qiegħda tasal għall-fehma li GL wettqet l-appalt mogħti lilha minn Taormina, iżda dak it-twettiq fih xi nuqqasijiet li jwasslu biex isir tnaqqis fil-prezz mitlub minn GL. Għalhekk, l-ewwel tliet eċċezzjonijiet ta' Taormina m'humiex tajbin u m'humiex sejrin jintlaqgħu;

"Illi issa l-Qorti **sejra tqis it-talbiet rikonvenzjonali** ta' Taormina flimkien mal-eċċezzjonijiet l-oħrajn tagħha. Għalkemm GL naqset li tressaq Nota tal-Eċċezzjonijiet formali għall-imsemmija Kontro-Talba, l-Qorti m'hijiex tqis li GL qiegħda tammetti t-talbiet, iżda li qiegħda tħalli fil-ġudizzju tal-Qorti biex taqta' l-każ;

"Illi Taormina tqis li hija ġarrbet danni minħabba l-imġiba ta' GL f'dan l-appalt. Dawn id-danni jidher li tippretendihom f'dak li sejħitlu telf ta' dħul minn kirjiet ladarba l-post ma kienx għadu lest biex jintuża saż-żmien maħsub u mgħax imħallas;

"Illi Taormina ressqet provi u xhieda *ex parte* dwar dan it-telf. Dan it-telf tikkwantifikah fis-somma ta' ħamsa u għoxrin elf u tmien mitt lira maltin (Lm 25,800)[42] li tikkonsisti f'telf ta' kerjiet u f'imgħax addizzjonali fuq il-faċilita' bankarja[43]. Ix-xhieda turi li r-rapport inbena esklussivament fuq dak li d-diretturi ta' Taormina għarrfu lill-awditur tagħhom[44]. Minn dak it-tagħrif jissemma li Taormina kellha f'moħħha li tiftaħ l-istabiliment fil-bidu tal-1994, filwaqt li tgħid li t-tqegħid tax-xogħol appaltat intemm f'Jannar tal-1995;

"Illi mill-provi kollha li jinsabu fl-atti, joħroġ ċar li jekk wieħed kellu joqgħod mal-wegħda ta' GL li ġġib ix-xogħol fi żmien massimu ta' tmien (8) ġimgħat minn mindu l-appalt ikun konfermat, kien evidenti li

[42] Li jġibu €60,118.80 fi flus tal-lum
[43] Ara Dok "GF1", f'paġġ. 106 – 7 tal-proċess
[44] Xhieda ta' Godwin Falzon 19.10.2006, f'paġġ. 135 – 6 tal-proċess

ladarba Taormina wettqet l-ewwel ħarti mill-ħlas tad-depożitu f'nofs Novembru tal-1993, ma kien qatt possibbli li hija tippretendi li tiftaħ l-istabiliment f'Jannar ta' wara. Minbarra dan, hija tgħid li l-istabiliment ma kellux jitħaddem minnha, imma minn kumpannija li lilha kriet l-istess stabiliment. Ħareġ li l-imsemmija kumpannija – Day-to-Day Limited – kienet kumpannija "miżmuma" minn Taormina u magħmula mill-istess diretturi. Kif sewwa jirrileva l-għaref difensur ta' GL fit-trattazzjoni tiegħu, Taormina ma wriet l-ebda kuntratt ta' ftehim tal-kirja li suppost għamlet dwar il-post mal-imsemmija kumpannija tagħha stess jew kif tassew kienu l-kundizzjonijiet tal-imsemmi ftehim. Ir-rapport tal-awditur *ex parte*, li fih mehmuża d-dokumenti, ma jgħoddx fih kopja ta' l-ftehim tal-kirja. Minbarra dan, Taormina naqset għal kollox li tfisser kif, ladarba sa Marzu tal-1995 ma kienx għad hemm fil-post provvista regolari ta' elettriku, il-post sata' jitħaddem bħala stabiliment kummerċjali bil-kerrej tagħha nieqes minn dan is-servizz essenzjali;

"Illi l-Qorti ssib li dawn il-fatturi kollha huma ċirkostanzi lil hinn minn xi ħaġa li tista' twieġeb għalihom GL, ukoll jekk min-naħa tagħha kien hemm xi nuqqasijiet fit-twettiq tal-appalt. Għalkemm il-Qorti tagħraf li jista' jkun il-fatt li l-pjanijiet ta' Taormina biex tiftaħ l-istabiliment ma marrux kif maħsub, fil-fehma tagħha dan ma għandhiex twieġeb għalih GL, għaliex ma hemmx ir-rabta kawżali bejn għamil GL u l-bdil tal-pjanijiet;

"Illi minħabba f'hekk, il-Qorti ssib li ma tistax tilqa' t-talbiet rikonvenzjonali ta' Taormina u lanqas il-ħames eċċezzjoni tagħha gall-azzjoni attriċi;

"Illi **dwar it-talba attriċi fil-mertu** jidher li ma hemm l-ebda kontestazzjoni sostanzjali. L-għaref difensur ta' Taormina issottometta li bħala bilanċ pretiż, dan mhux kontestat. Huwa kontestat li dak il-bilanċ huwa dovut, minħabba li x-xogħol ma sarx sewwa. Taormina żżid tgħid (fir-raba' eċċezzjoni tagħha) li kulma kellha tħallas ħallsitu. Minn dak kollu li din il-Qorti diġa' ikkunsidrat aktar 'il fuq, jidher li Taormina għandha biċċa mir-raġun. Dan għaliex, filwaqt li m'huwiex minnu u sewwa li tgħid li hija ħallset dak kollu li kellha tħallas, ħareġ li bin-nuqqasijiet f'xi xogħol mogħti minn GL, il-bilanċ li Taormina trid tħallas m'huwiex dak mitlub fiċ-Ċitazzjoni;

"Illi l-Qorti tqis ukoll li, ladarba Taormina biegħet il-post fil-mori tal-kawża, ma jidhirx prattiku li GL tagħżel li tagħmel ix-xogħol rimedjali meta wieħed iqis ukoll minn liema ġrajja għadda l-post fil-frattemp u x'tista' tkun l-għażla tas-sidien attwali li l-post xtrawh kif inhu u nqdew bih għal żmien rilevanti b'dak li għandu. Għalhekk, il-Qorti sejra tagħmel tagħha t-tnaqqis adottat mill-perit minnha maħtur kemm dwar xogħol li ried jinbidel u xogħol li ried jitranġa u tgħoddhom kollha fis-somma minnu kwantifikata bħala tnaqqis mill-ammont mitlub fl-Att taċ-Ċitazzjoni;

"Illi għalhekk filwaqt li tilqa' f'biċċa r-raba' eċċezzjoni fil-mertu ta' Taormina, tilqa' bi tnaqqis l-ewwel talba attriċi ta' GL u tqis li dan ikun rifless ukoll fil-kap tal-ispejjeż;

"Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

"**Tiċħad it-talbiet rikonvenzjonali** tal-kumpannija Taormina Holdings Limited, billi ma jirriżultawx mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

"**Tilqa' limitatament it-talba attriċi** billi tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta' wieħed u erbgħin elf sitt mija u ħmistax-il ewro (€ 41,615), rappreżentanti l-bilanċ ta' prezz għal xogħol mogħti lilha f'appalt, wara li tnaqqset somma biex tagħmel tajjeb għal xogħol li ma kienx magħmul sewwa, flimkien mal-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mill-20 ta' Ottubru, 1995, sal-jum tal-ħlas effettiv;

"**Tilqa' limitatament ir-raba' eċċezzjoni** tal-kumpannija mħarrka, iżda **tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħrajn** billi m'humiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

"**Tordna** li l-kumpannija attriċi terfa' sehem minn ħamsa ($^{1}/_{5}$) tal-**ispejjeż kolha tal-azzjoni ewlenija** u l-kumpannija mħarrka terfa' l-bqija ($^{4}/_{5}$); filwaqt li **l-ispejjeż tal-kontro-talba** jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet".

## Rikors tal-appell tas-soċjeta` konvenuta (14.12.2012)

**3.** Is-soċjeta` konvenuta ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti u għalhekk interponiet dan l-appell minnha.

**4.** L-aggravji tagħha huma s-segwenti:

(i) Hija tilmenta li l-ewwel Qorti ma tat l-ebda piż għall-prova mressqa minnha tramite l-awditur tagħha fuq id-danni li hija allegatament sofriet minħabba d-dewmien li kien hemm fil-ftuħ tan-negozju per konsegwenza tad-dewmien da parti tas-soċjeta` attriċi biex

tlesti x-xogħol;

(ii) Taċċenna għall-fatt li s-soċjeta` attriċi effettivament naqset li tlesti ix-xogħol fit-terminu pattwit ta' tmien (8) ġimgħat;

(iii) Issostni li kienet żbaljata l-ewwel Qorti meta ddeċidiet li ma toqgħodx fuq ir-rapport tal-awditur għaliex huwa xhud *ex parte* u għaliex ir-rapport tiegħu kien imsejjes fuq dak li jgħaddilu l-klijent. Targumenta li x-xhieda u r-rapport ta' perit *ex parte* huma ammissibbli, li x-xogħol ta' awditur huwa wieħed ta' natura professjonali intiż biex jiġu vverifikati l-figuri li jkunu tniżżlu fil-kontijiet tal-klijenti tiegħu, u li r-rapport tiegħu fil-fatt ma ġiex kontradett.

(iv) Finalment, issostni li l-imgħaxijiet kellhom jiġu ordnati jitħallsu mid-data tas-sentenza u mhux minn Ottubru 1995, ladarba kien qed jiġi pretiż ammont iktar għoli minn dak li realment ġie likwidat mill-qorti.

**<u>Risposta tal-appell tas-soċjeta` attriċi (08.01.2013):</u>**

**5.** Is-soċjeta` attriċi wieġbet biex tgħid li l-appell għandu jiġi miċħud u li kienet ġustifikata l-ewwel Qorti tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha.

**6.** Preliminarjament issostni li l-appell huwa irritu u null għaliex huwa intestat f'isem kumpanija li ma għadhiex teżisti: Guillaumier Industries Ltd, peress li din ġiet *"struck off"* wara amalgamazzjoni tal-istess kumpanija mal-kumpanija attriċi fis-6 ta' Mejju 2007.

**7.** Fir-rigward tal-ewwel (1) u t-tielet (3) eċċezzjonijiet (rigwardanti r-rapport tal-awditur *ex parte* Godwin Falzon) hija fl-ewwel lok tispjega li l-ewwel Qorti effettivament eżaminat tali rapport iżda dehrilha li ma kellhiex taqbel mal-konklużjonijiet tiegħu, u fit-tieni lok tgħid li r-raġuni għaliex l-ewwel Qorti ma qagħditx fuqu ma kienx għaliex huwa rapport *ex parte* iżda għaliex ma ġiex korroborat b'xi prova oġġettiva. In oltre tgħid illi r-rapport tal-awditur kien intiż li jillikwida d-danni allegatament sofferti mis-soċjeta` konvenuta minħabba l-allegat dewmien fit-twettieq tax-xogħlijiet, meta fil-fatt irriżulta li l-allegazzjoni tad-dewmien kienet infondata, u li kull dewmien li seta' kien hemm ma kienx imputabbli lilha (is-soċjeta` attriċi).

**8.** Fir-rigward tat-tieni (2) aggravju (rigwardanti l-kwistjoni tad-dewmien biex jitlesta l-appalt) issostni li dan ukoll huwa infondat. Tispjega illi għalkemm ix-xogħol kellu jitlesta fi żmien tmien (8) ġimgħat dan iż-żmien kellu jiskatta biss mal-konferma tal-ordni, u fit-termini tal-ftehim il-konferma tal-ordni kellha tavvera ruħha biss mal-ħlas tad-depożitu ta' Lm21,500. Targumenta illi għalkemm sar depożitu ta'

Lm5,000 fil-15 ta' Novembru 1993, ma nġabet l-ebda prova dwar meta tħallas il-bilanċ tad-depożitu u għalhekk ma jistax jiġi kkalkulat meta skattaw it-tmien ġimgħat, u ċertament allura ma jistax jitqies li kien fil-bidu ta' Jannar 1994. Tispjega illi, kif osservat l-ewwel Qorti, sa Jannar 1995 kien għadu ma twaħħalx il-madum ta' madwar il-bieb ta' barra u li għalhekk hija kienet fl-impossibbilita` li twaħħal il-bieb ta' barra, li kien parti mill-appalt mogħti lilha. Inoltre ssemmi li lanqas ma kien għad hemm provvista ta' dawl fl-istabbiliment u għalhekk xorta ma setgħetx tużah jew tikrih kif qalet li riedet tagħmel.

**9.** Fir-rigward tar-raba' (4) aggravju (rigwardanti l-imgħaxijiet) issostni l-ewwel nett illi l-kawża tittratta dwar obbligazzjonjiet kummerċjali bejn żewġ entitajiet eżerċitanti fil-kummerċ u għalhekk japplikaw id-disposizzjonjiet tal-Artikolu 1141 tal-Kodiċi Ċivili fis-sens illi l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita. Tirreferi wkoll għall-kumment tal-ewwel Qorti illi "*ma jidhirx li jista' jingħad illi GL naqset li twettaq l-appalt b'mod sostanzjali*" u li għalhekk "l-*appaltatur ma jistax jitqies inadempjenti*". Għaldaqstant targumenta illi l-kawża tibqa' waħda għall-ħlas ta' obbligazzjoni kummerċjali u għalhekk l-ewwel Qorti korrettament applikat l-Artikolu 1141 fuq imsemmi. In oltre taċċenna għall-fatt illi l-kawża kienet għal somma determinata (mhux *da liquidarsi*) anke jekk l-ewwel Qorti rriduċietha parzjalment.

**L-allegazzjoni tal-irritwalita` u n-nullita` tar-rikors tal-appell:**

**10.** Dwar l-allegazzjoni tal-irritwalita` u n-nullita` tar-rikors tal-appell sollevata mis-soċjeta` attriċi appellata minħabba li ġie intestat f'isem "Guillaumier Industries Ltd" (li hija kumpanija li m'għadhiex teżisti) minflok "Guillaumier Ltd" (li fil-fatt assumiet l-atti fil-31 ta' Lulju 2007), din il-qorti tagħmel riferenza għad-digriet tagħha tal-4 ta' Novembru 2013[45] li permezz tiegħu awtorizzat li ssir il-korrezzjoni opportuna fl-okkju tar-rikors tal-appell u b'hekk ġie sanat id-difett li minnu tilmenta s-soċjeta' attriċi.

**Sfond**

**11.** Is-soċjeta` konvenuta Taormina Holdings Ltd (dak iż-żmien Taormina Estates Ltd) avviċinat lis-soċjeta` attriċi Guillaumier Ltd (dak iż-żmien Guillaumier Industries Ltd) sabiex tagħmlilha xogħol ta' aperturi tal-aluminju u twaħħil tal-istess f'stabbiliment kummerċjali li hija kienet qegħda tibni. (Kif għamlet l-ewwel Qorti, din il-qorti ser tirriferi għal dawn is-soċjetajiet kontendenti bħala "GL" u "Taormina", rispettivament).

[45] Fol 256

**12.** Fil-11 ta' Novembru 1993 is-soċjeta` GL ħarġet stima[46] fl-ammont ta' Lm45,405 fir-rigward tax-xogħlijiet mitluba minnha mis-soċjeta` Taormina. Fuq l-istima ġie indikat illi x-xogħol kellu jitlesta fi żmien sitta (6) sa tmien (8) ġimgħat "*from confirmation of order and final working measurements*" u li kellu jitħallas depożitu ta' 33% "*with signed order*". Sussegwentement jidher li saru xi emendi fuq l-istess stima. Ġie indikat (bil-kitba bl-idejn) li kien qed jingħata skont b'mod li l-prezz niżel għal Lm43,000. Ġie dikjarat ukoll li minn dan l-ammont, Lm21,500 kellhom jitħallsu bħala depożitu sal-aħħar tas-sena 1993 u l-Lm21,500 l-oħra kellhom jitħallsu b'rati ta' Lm2,000 kull xahar, mingħajr interessi, iżda b'2% "*bank charges*". Din l-istima ġiet aċċettata mis-soċjeta` Taormina peress li fuq l-aħħar paġna jidhru l-firem ta' Paul Sultana (mis-Sales Dept tas-soċjeta` GL) u ta' J. Gauci (mis-soċjeta` Taormina). Ġie ukoll dikjarat "*Received Lm5,000 as part of deposit*" – u ħdejn tali dikjarazzjoni tidher id-data 15 ta' Novembru 1995 u anke l-firma mill-ġdid ta' Paul Sultana.

**13.** Fil-5 ta' Settembru 1994 is-soċjeta` Taormina ppreżentat protest[47] kontra s-soċjeta` GL fejn interpellatha biex fi żmien immedjat tikkompleta l-inkarigu tagħha u tirrimedja x-xogħol kollu li ma sarx skont is-sengħa u l-arti.

[46] Dok A, stima tas-soċjeta` GL fol 14-16 (jidher li hemm paġna nieqsa: paġna numru 3)
[47] Dok GG1, Protest tas-soċjeta Taormina, fol 74

**14.** Fl-20 ta' Ottubru 1995 is-soċjeta` GL ippreżentat ittra uffiċjali[48], fejn interpellat lil Taormina tħallas il-bilanċ, u ftit jiem wara, fis-26 ta' Ottubru 1995[49] sar inkontru bejn id-difensuri tal-partijiet bl-iskop li jaslu għal ftehim bonarju. Peress li l-pendenzi ta' bejniethom baqgħu ma ġewx riżolti GL intavolat din il-kawża odjerna fit-13 ta' Mejju 1998 fejn talbet li Taormina tiġi kkundannata tħallasha l-bilanċ ta' Lm22,365. Taormina mhux biss eċċepiet li tali bilanċ ma kienx dovut minħabba li x-xogħol allegatament ma kienx skont is-sengħa u l-arti, iżda wkoll ressqet kontro-talba fejn abbażi tal-allegazzjoni li x-xogħol ma sarx skont l-arti u s-sengħa u wkoll li ma ġiex onorat it-terminu li fih kellu jitlesta, talbet li jiġu likwidati d-danni sofferti minnha f'dan ir-rigward u li GL tiġi kkundannata tħallasha tali somma hekk likwidata.

**Id-deċiżjoni fil-qosor tal-ewwel Qorti**

**15.** Fir-rigward tal-allegat xogħol ħażin da parti ta' GL in konnessjoni mal-appalt mogħti lilha, il-perit tekniku Joseph Scerri, maħtur mill-ewwel Qorti kkonstata li effettivament kien hemm xi xogħol li ma kienx aċċettabbli[50], u dan kemm minħabba l-materjal innifsu, u kif ukoll fil-mod ta' kif tqiegħed. Huwa kkwantifika dawn id-difetti fl-ammont ta' Lm4,500[51]. L-ewwel Qorti qieset li b'relazzjoni max-xogħol kollu li għamlet GL, dawn in-nuqqasijiet ma kienux sostanzjali b'mod li jagħtu lil

[48] tissemma fiċ-ċitazzjoni
[49] Ara ittra Dok TE1 datata ukoll 26.10.1995 mibgħuta mid-difensur ta' Taormina lid-difensur ta' GL in segwitu għall-inkontru li kellhom dakinhar stess
[50] Dok JS1 – elenku tad-difetti kkonstati mill-perit tekniku – fol 63-64
[51] Rapport tal-perit tekniku (maħluf fl-24.02.2001), fol 61-62.

Taormina xi jedd ma tħallasx il-bilanċ dovut, u għalhekk ikkonkludiet li mis-somma pretiża minn GL kellu sempliċiment jitnaqqas tali ammont.[52]

**16.** Fir-rigward tal-allegat dewmien sabiex jitlesta x-xogħol, l-ewwel Qorti qieset li l-madum tal-art da parti ta' Taormina dam ma twaħħal u għalhekk GL ma setgħetx twaħħal il-bieb ta' barra sakemm dan tlesta. Qieset ukoll fost affarijiet oħra li Taormina ma pprovatx meta ħallset il-kumplament tad-depożitu (għall-finjiet ta' biex wieħed jara meta kien ġie konfermat il-ftehim ta' bejniethom, u cioe` biex wieħed jikkalkula minn meta bdew jiskattaw it-tmien ġimgħat li fihom kellu jitlesta x-xogħol) u lanqas ma pprovat meta ntemm ix-xogħol.

**17.** Fir-rigward tad-danni pretiżi minn Taormina fil-kontro-talba l-ewwel Qorti qieset li dawn id-danni fil-fatt qed tippretendihom f'dak li ssejjaħlu (i) telf ta' dħul minn kirjiet għaliex post ma kienx għadu lest biex jintuża saż-żmien maħsub u (ii) f'imgħax addizzjonali fuq il-faċilita` bankarja. Il-perit tagħha *ex parte* kkwantifika dan l-allegat telf fl-ammont ta' Lm25,800. L-ewwel Qorti pero` spjegat kif fil-fatt ma kien hemm l-ebda ness bejn l-għemil ta' GL u l-bdil fil-pjanijet ta' Taormina biex tiftaħ l-istabbiliment saż-żmien maħsub.

---

52 Peress li Taormina fil-mori tal-kawża biegħet l-istabbiliment in kwistjoni il-qorti qieset li huwa iktar prattiku li GL tiġi ordnata tħallas għan-nuqqasijiet milli tiġi ordnata tagħmel ix-xogħol rimedjali

**18.** Kien għalhekk li laqgħet it-talba ta' GL għall-ħlas tal-bilanċ limitatament għas-somma ta' €41,615[53] (u laqgħet limitatament ir-raba' eċċezzjoni ta' Taormina u ċaħdet l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha tagħha) u ċaħdet ukoll il-kontro-talba ta' Taormina.

**Konsiderazzjonijet ta' din il-qorti:**

*It-tieni aggravju: l-allegat dewmien da parti ta' GL biex tlesti l-appalt*

**19.** Din l-qorti tara li huwa opportun li tibda' billi tikkonsidra t-tieni aggravju, peress li l-ewwel (u t-tielet) aggravji huwa konsegwenzjali għalih. Taormina ħassitha aggravata bil-fatt li l-ewwel Qorti kkonkludiet li ma ġiex provat li GL naqset biex twettaq l-appalt minħabba dewmien. Hija ssostni li mill-provi jirrriżulta biċ-ċar illi GL ma lestietx l-appalt minnha kontrattat fit-terminu pattwit ta' tmien (8) ġimgħat. Tispjega illi l-ftehim bejnha u bejn GL ġie pattwit f'Novembru 1993 u l-istabbiliment kellu jiftaħ fl-ewwel xhur tas-sena 1994, iżda tilmenta li x-xogħol invece tlesta fil-bidu tas-sena 1995 u cioe` aktar minn sena wara li ġie kkontrattat il-ftehim f'Novembru 1993.

**20.** Kif diġa ġie spjegat *supra*, il-ftehim (ossia l-istima maħruġa mis-soċjeta` GL fil-11 ta' Novembru 1993 li ġiet iffirmata sussegwentement bejn il-partijiet) jistipula illi x-xogħol kellu jitlesta fi żmien tmien (8)

[53] Mill-ammont ta' Lm22,365 pretiż mis-soċjeta` GL naqqset l-ammont ta' Lm4,500 li l-perit tekniku ivvaluta bħala nuqqasijiet da parti tagħha.

ġimgħat mill-konferma tal-ordni u li kellu jitħallas bħala depożitu 33% tal-prezz "*with signed order*". Ġara li saru xi emendi fuq l-istess ftehim in kwantu d-depożitu kellu jkun ta' 50% tal-prezz miftiehem u cioe` Lm22,500 minn Lm43,000. Għalkemm jidher li l-ftehim ġie ffirmat fil-15 ta' Novembru 1993, tħallsu biss Lm5,000 mid-depożitu dakinhar (bl-intiża li l-kumplament tal-Lm22,500 jitħallsu sal-aħħar tas-sena) u għalhekk ma jistax jitqies li l-ordni kienet "konfermata" dakinhar tal-15 ta' Novembru 1993.

**21.** Baqa' ma ġiex provat meta Taormina ħallset il-kumplament tad-depożitu (anke jekk suppost kellha tħallsu sal-aħħar tas-sena 1993). Anthony Guillaumier in rappreżentanza tas-soċjeta` GL fix-xhieda tiegħu[54] qal illi għalkemm ma kellux quddiemu d-data eżatta ta' meta l-GL tħallset mingħand Taormina l-kumplament tad-depożitu, seta' jikkonferma li l-bilanċ effettivament kien tħallas, għaliex fin-nuqqas is-soċjeta` GL ma kinitx twettaq ix-xogħol ordnat:

> "*…f'xi stadju l-kumpanija rappreżentata minni qieset illi l-ordni kienet ikkonfermata il-għaliex ix-xogħol wettqitu*".

**22.** Din il-qorti tosserva illi għalkemm baqa' mhux provat minn meta beda jiddekorri t-terminu ta' tmien (8) gimgħat, jidher li ċertament kien qabel Settembru 1994. Dan qed jingħad għaliex permezz tal-protest li ġie ppreżentat fil-5 ta' Settembru 1994 is-soċjeta` Taormina interpellat

[54] Xhieda ta' Anthony Guillaumier, tad-9 ta' Mejju 2006, fol 97-101

lis-soċjeta` GL biex fi żmien immedjat tikkompleta l-inkarigu tagħha u tirrimedja x-xogħol kollu li ma sarx skont is-sengħa u l-arti. U ladarba sa tali data s-soċjeta` GL kienet bdiet ix-xogħol ifisser li d-depożitu kien tħallas u l-ordni kienet tqieset li kienet konfermata.

**23.** Għalkemm ma jirriżultax eżatt meta intemm ix-xogħol, jidher li fil-fatt dam iktar minn tmien (8) gimgħat biex tlesta. Anthony Guillaumier stess xehed illi s-soċjeta` GL ikkonsenjat ix-xogħol kolllu fuq medda ta' madwar sitt xhur.

> "*Nikkonsidra illi bejn l-ewwel u l-aħħar stallazzjoni, il-konsenja damet mifruxa fuq medda ta' xi sitt xhur*".

**24.** Madanakollu jirriżulta li meta s-soċjeta` GL ġiet biex tistalla l-bieb ta' barra, il-madum tal-art fl-istabbiliment ta' Taormina kien għadu ma tpoġġiex u għalhekk kien impossibbli għas-soċjeta` GL li twaħħal il-bieb ta' barra li kien parti mill-appalt mogħti lilha.

**25.** Anthony Guillaumier, fil-fatt xehed illi l-aħħar konsenja[55] magħmula kienet tikkonsisti fil-bieb ta' barra tal-istabbiliment:

> "*Niftakar li kien hemm problemi rigward dan il-bieb ukoll, minħabba li l-kumpanija konvenuta fiż-żmien meta ġie kkonsenjat il-bieb, ma kinitx għadha qegħdet l-irħam li fuqu kellu jitqiegħed. Niftakar illi kien hemm problema ieħor ukoll, fis-sens ma setax jitwaħħal fil-post u jinfetaħ u jingħalaq minħabba illi ma kienx għad hemm il-provvista tad-dawl*".

[55] Skont is-soċjeta` Taormina, ix-xogħol tlesta fil-bidu tas-sena 1995

**26.** Carmelo Ebejer (li kien impjegat mas-soċjeta` GL bħala *general manager*) fix-xhieda tiegħu[56] wkoll semma' li kien hemm problema f'dan ir-rigward:

> "*…meta ġew biex jitwaħħlu l-automatic doors għall-istess ċentru u dan fis-sens illi t-twaħħil u t-tqegħid tagħhom ma setax isir il-għaliex kien hemm ċertu xogħlijiet li ma sarux. Nispeċifika, illi jekk niftakar sew, dawn ix-xogħlijiet illi ma kinux għadhom saru, kienu t-tqegħid tal-art…..Fir-rigward tal-appalt mogħti lill-kumpanija attriċi, it-twaħħil tal-automatic doors kien xogħol maħsub lejn l-aħħar parti tal-fażi tax-xogħol appaltat. Jekk ukoll il-memorja tislifni sewwa, ngħid illi l-bibien ta' barra kienu l-aħħar xogħol illi għamlet il-kumpanija attriċi minn fost ix-xogħol kollu appaltat lilha mill-kumpanija konvenuta*".

**27.** Edwin Fiott (li kien impjegat mas-soċjeta` attriċi bħala *production manager*) fix-xhieda tiegħu[57] qal hekk:

> "*Jiena niftakar pero` illi l-aħħar biċċa xogħol illi saret mit-twettiq tal-istess appalt, kien it-twaħħil tal-bibien awtomatiċi. Jiena ngħid illi dan kien l-aħħar xogħol illi għamlet il-kumpanija attriċi minħabba li kien hemm xi problema bl-art*".

**28.** Din il-verżjoni ta' Guillaumier, Ebejer u Fiott ma ġietx kontradetta da parti tas-soċjeta` Taormina. Ladarba GL ma kellha xejn x'taqsam mat-twaħħil tal-madum (jew irħam) tal-art li fuqu kellu jitwaħħal il-bieb (jew bibien), li kien l-aħħar parti tax-xogħol li kien jonqosha tlesti, huwa għal kollox inġust da parti tas-soċjeta` Taormina li tiġi tilmenta fil-fatt li s-soċjeta` GL ħadet iktar minn tmien (8) ġimgħat biex tikkompleta l-inkarigu mogħti lilha.

---

[56] Xhieda ta' Carmelo Ebejer, 12 ta' Lulju 2007, fol 173-176
[57] Xhieda ta' Edwin Fiott, tat-12 ta' Lulju 2007, fol 177-180

**29.** Għaldaqstant din il-qorti qegħda tikkonsidra dan it-tieni aggravju bħala infondat.

**30.** Fiċ-ċirkostanzi, l-ewwel u t-tielet aggravji (rigwardanti l-allegati danni li sofriet Taormina bħala riżultat tad-dewmien lamentat minnha) huma infondati u qegħdin jiġu respinti. Jekk Taormina spiċċat biex sofriet telf ta' dħul minn kirjiet għaliex il-post kien għadu ma tlestiex saż-żmien maħsub, u wkoll telf minħabba imgħax addizzjonali fuq il-faċilita` bankarja, tali telf ma jistax jiġi imputat lis-soċjeta` GL.

*Ir-raba' aggravju: l-imgħaxijiet u d-dekorriment tagħhom*

**31.** Taormina ħassitha wkoll aggravata bil-fatt li l-ewwel Qorti ordnat li l-imgħaxijiet legali kellhom jitħallsu fuq is-somma ta' €41,615 mill-20 ta' Ottubru 1995 u mhux mid-data tas-sentenza.

**32.** GL fir-risposta tal-appell tagħha ssostni li l-ewwel Qorti korrettament applikat l-Artikolu 1141 ladarba l-kawża tittratta dwar obbligazzjonjiet kummerċjali bejn żewġ entitajiet eżerċitanti fil-kummerċ. (Jidher li kienet qed tirreferi għall-Artikolu 1141(1)).

**33.** L-Artikolu 1141 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

> "*(1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu ipso*

> *jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.*
>
> "*(2) F'kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu minn dakinhar illi ssir sejħa għall-ħlas b' att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni*".

**34.** L-ewwel Qorti effettivament applikat l-Artikolu 1141(2), peress li ordnat illi l-imgħaxijiet kellhom jiddekorru mid-data li fiha GL sejħet li Taormina għall-ħlas b'ittra uffiċjali. Fl-att taċ-ċitazzjoni fil-fatt saret riferenza għall-ittra uffiċjali datata 20 ta' Ottubru 1995. Għalkemm ma jidhirx li kopja ta' tali ittra ġiet esebita fl-atti, l-eżistenza tagħha ma ġietx ikkontestata minn Taormina.

**35.** Taormina targumenta illi ladarba fl-20 ta' Ottubru 1995 GL kienet qed tippretendi ammont iktar għoli minn dak li effettivament hija (Taormina) ġiet ordnata tħallas, l-imgħaxijiet kellhom jiġu ordnati jitħallsu mid-data tas-sentenza u mhux mill-20 ta' Ottubru 1995. GL da parti tagħha targumenta illi l-kawża kienet għal somma determinata (mhux *da liquidarsi*) anke jekk l-ewwel Qorti rriduċietha parzjalment.

**36.** F'dan ir-rigward din il-qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-17 ta' Frar 2003 fil-kawża fl-ismijiet **Fogg Insurance Agencies Ltd noe v. Paul Tabone** fejn ġie insenjat illi l-imgħax jibda jiddekorri minn meta persuna tiġi interpellata ġudizzjarjament biex tħallas somma determinata u speċifika, anke jekk

eventwalment tali somma tiġi ridotta:

> "*Fuq l-aggravju tal-interessi u d-dekorriment tagħhom il-qorti tinnota li fil-korp tal-avviż l-atturi talbu somma determinata u speċifika. Jirriżulta li l-atturi interpellaw ġudizzjarjament lill-konvenut għall-ħlas tagħha in sodisfazzjon tad-danni pretiżi. Dan jibbasta biex l-ammont reklamat jibda' jattratta l-interessi ("O'Connor vs Bruno Olivier" – Vol XVI pI p84). Il-fatt li l-qorti rriduċiet l-ammont ma jfissirx li l-interessi ma jibdewx ukoll jgħaddu minn dakinhar tar-rikjam tas-somma, issa ridotta. Il-qorti hawn ma llikwidat l-ebda ammont li kapaċi tiġġustifika lill-konvenut jappilja mal-massima 'in illiquidis non fit mora*".

**37.** Għaldaqstant ir-raba' aggravju huwa wkoll infondat.

**<u>Konklużjoni:</u>**

**38.** Għal dawn il-motivi din il-qorti tiċħad l-appell tas-soċjeta` konvenuta appellanti Taormina Holdings Ltd u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**39.** L-ispejjeż ta' din l-istanza ghandha thallashom is-soċjeta` konvenuta appellanti Taormina Holdings Ltd.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb